MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 328/2011

Appell Numru: 328/2011

Il-Pulizija
Vs
Gilmore Cachia

Illum 30 ta’ Mejju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fl-4 ta’ Settembru, 2004 u fiz-zminijiet precedenti, fuq il-monti tal-Belt, u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tass-sid, lismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura jew xjentement

ghamel uzu ta' sinjali, tabelli, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbin b'qerq, u cioe' music CDs allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli safa recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati datata 14.01.2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(d) u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil appellant hati u wara li rat ukoll l-aritkolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur. Orndat ukoll il-konfiska tas-CDs ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant Gilmore Cachia pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla ghaliex ma' tikkwotax l-artikolu 298(f) tal-Kap 9 li kien l-artikolu li dwaru kienet qedha tinstab htija.

2. Illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragonevolment issib htija kontra l-esponent u dan ghas-semplici raguni illi mill-provi prodotti jirriuzlta illi wiehed mill-elementi essenzjali u materjali tar-reat kien nieqes ghal kollox u dan wara kollox kif accettat l-istess Qorti. In

effetti fil-bran relevanti tas-sentenza appellate l-ewwel Qorti qalet hekk:

*'…Issa l-Avukat Difensur qal illi ma ngabet ebda prova li kien hemm fl-ezebiti xi tabella, emblema jew sinjal imxebbha b'qerq, cioe` li jista` jwassal ghal-qerq tat-terz, ghalhekk li tista` b'tali tibdil tqarraq bix-xerrej, tant li jghid fis-sottomissjonijiet tieghu li s-Sur Bajada ma examina ebda ksur ta' trademark.* ***Hekk filfatt hu****…'*

Illi bir-rispett kollu stabbilit u accettat dak hawn fuq rapportat, l-ewwel Qorti ma kien fadalla ebda alternattiva ghajr li tiddikjara illi r-reat kif dedott ma' giex ippruvat u tillibera lill-imputat. Bl-akbar riseptt il-kunsiderazzjonijiet l-ohra kollha maghmula mill-ewwel Qorti biex tasal ghas-sejbien tal-htija huma biss interpretazzjoni skorrett tal-ligi u ta' dak li huma l-0elementi tar-reat in dizamina. Huwa car u evidenti illi l-element materjali tar-reat huwa l-iffalsifikar u/jew t-tibdil ta' sinjali, marki u emblemi jew inkella it-tqeghid fis-suq ta' oggetti li jkollhom sinjali, marki u embelmi hekk iffalsifikati u/jew mibdula. Eskluz dan allura ma hemm ebda reat taht l-Artikolu 298 tal-Kap 9.

3. Illi minghajr pregudizzju l-piena inflitta kienet wahda eccessiva u gravuza u li ma taghmilx tajjeb ghal kaz odjern.

Ikkunsidrat,
Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien jahdem bhala bejjiegh fuq il-monti u fl-erbgha (4) ta' Settembru tal-elfejn u erbgha (2004) gie intercettat jesebixxi tmintax-il (18) CD fuq it-tilar ghall-bejgh lill-pubbliku. PC 290 Jean Paul Formosa ddikjara illi ra lill-imputat johrog borza bajda minn taht it-tilar u jitfa' dawn is-CDs li dehru li kienu foloz fuq it-tilar. L-appellant qieghed jargumenta illi filwaqt illi kien minnu illi kien fil-pussess ta' dawn is-CDs ma kien hemm l-ebda marka sinjal fuqhom li turi illi dawn qieghdin jinbieghu bhala original u ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati illi ghamel marki sinjali jew emblemi.

Ikkunsidrat:

Fil-kors tas-smigh tax-xhieda l-ewwel Qorti innominat lit-tekniku Dr Martin Bajada sabiex jezamina s-CDs u jirrelata dwar il-genwinità taghhom. Irrelata illi dawn ma kinux genwina u kollha kienu non compliant. L-ewwel Qorti kkunsidrat illi huwa minnu illi ma kienx hemm xi emblema jew sinjal li jista' jwassal lit-terz li jigi mqarraq b'dak il-prodott. Però l-Qorti ddikjarat illi, "Però, stante li din il-Qorti kif preseduta hija ben esposta ghall-merce li hawn fis-suq, inkluzi CDs u DVDs, ma tridx xi sengha u hila biex tasal ghal konkluzjoni tant semplici, illi l-packaging tas-CDs esebiti huma xembjanza fqira tal-original li taghhom iridu jitwemmnu illi huma."

Din il-Qorti setghet tikkonstata illi s-CDs tpoggew go kopertina illi kienet falza. Dina kienet mera fotokopja tal-original u giet esposta ghall-bejgh f'dik il-kondizzjoni. Il-fatt biss illi giet esposta ghall-bejgh b'kopertina falza hija bizzejjed sabiex tissodisfa l-vot tal-ligi ghax b'dik il-kopertina falza qed jaghti sembjanza li ghandu l-original biex iqarraq lill-konsumatur. U ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun biex issib htija. L-istess argumenti migjuba mill-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell ingabu quddiem l-ewwel Qorti u dina cahdithom bl-aktar mod konvincenti u legali.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, peress illi m'hemmx talba ghar-riforma tas-sentenza dwar il-piena, mhix il-kaz illi din il-Qorti toqghod tidhol f'din il-kwistjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Hu ben saput illi f'dan il-kaz mhux il-kaz illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------